# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

### ILLUM, il-Ħamis 23 ta' Jannar, 2020

**Kawża Nru. 31**

**Rik. Nru. 498/14JRM**

**AMARCORD LIMITED (C – 36152)**

vs

Rita **SCHEMBRI** u Mark Schembri

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fis-6 ta' Ġunju, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-kumpannija attriċi titlob li din il-Qorti (1) issib li l-intimati qarrqu biha meta b'kuntratt pubbliku tal-4 ta' April, 2005, ċedewlha s-sullokazzjoni tal-fond kummerċjali bl-isem ta' "*Little Italy*" (u li qabel kien iġib l-isem ta' "*Bis-Tit African*" u "*Tramp's Bar*" ġewwa Triq ir-Rebbiegħa

b'kantuniera ma' Triq Sant'Antnin, f'Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar; (2) issib li r-rexxissjoni tal-istess kuntratt pubbliku ta' konċessjoni tas-sullokazzjoni tal-fond ġrat minħabba n-nuqqas ta' twettiq tar-rabtiet kuntrattwali, il-morożità, il-frodi u l-qerq tal-imħarrkin; (3) issib li l-imħarrkin għandhom iħallsuha lura l-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf, disa' mija tnejn u ħamsin ewro, tmienja u erbgħin ċenteżmi (€27,952.48) bħala korrispettiv tal-imsemmija ċessjoni, bl-imgħaxijiet mill-4 ta' April, 2005 sal-jum tal-ħlas effettiv; (4) tikkundanna lill-imħarrkin iħallsuha l-imsemmi ammont ta' sebgħa u għoxrin elf, disa mija tnejn u ħamsin ewro, tmienja u erbgħin ċenteżmi (€27,952.48) bl-imgħaxijiet; (5) issib li hija ġarrbet danni minħabba n-nuqqasijiet tal-imħarrkin; (6) tillikwida d-danni mġarrba; u (7) tikkundanna lill-imħarrkin iħallsuha d-danni hekk likwidati, flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri minn dakinhar li tingħata s-sentenza sal-jum tal-ħlas effettiv. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) li biha astjeniet li toqgħod fil-kawża, għar-raġunijiet hemm imsemmija[1];

Rat is-surroga tat-18 ta' Ġunju, 2014[2], li biha din il-kawża ġiet assenjata lill din il-Qorti kif presjeduta;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Ġunju, 2014[3], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha

Rat it-Tweġiba Maħlufa tal-21 ta' Lulju, 2014, li biha imħarrkin laqgħu għat-talbiet attriċi billi, preliminarjament, jgħidu li l-azzjoni attriċi hija rritwali w għaldaqstant nulla billi l-oġġett u r-raġuni tat-talbiet m'humiex imfissra sew u għaldaqstant teżisti inċertezza dwar in-natura tal-azzjoni attriċi. Jgħidu wkoll li l-azzjoni waqgħet bil-preskrizzjoni għall-finijiet tal-artikoli 1027, 2153 jew 1222(1) tal-Kodiċi Ċivili skond liema hi n-natura vera tal-azzjoni attriċi. Fil-mertu, jiċħdu t-talbiet attriċi w jgħidu li l-kumpannija attriċi kienet taf bil-kwestjonijiet li huma kellhom ma' terzi fiż-żmien li saret iċ-ċessjoni tas-sullokazzjoni, u minkejja dan, daħlet fi ftehim magħhom biex il-fond jiġi sullokat;

[1] Paġ. 51 tal-proċess
[2] Paġ. 52 tal-proċess
[3] Paġġ. 53 sa 54 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Novembru, 2014[4], li bih ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni dwar l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrkin;

Rat id-dokumenti u x-xhieda miġjuba quddiemha;

Semgħet is-sottomissjonijiet imressqa mill-avukati tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari[5];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas lura tal-konsiderazzjoni mħallsa fuq kuntratt ta' sullokazzjoni, kif ukoll azzjoni ta' danni mġarrba minħabba qerq u ksur tal-ftehim. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "Amarcord") tgħid li l-imħarrkin qarrqu biha u għaldaqstant għandha tieħu lura kemm l-ammont li ħallsithom fuq il-kuntratt ta' sullokazzjoni kif ukoll id-danni li ġarrbet minħabba li, b'egħmilhom, iċċaħħdet milli tgawdi dak li hija ftiehmet għalih;

Illi, min-naħa l-oħra, l-imħarrkin jgħidu li Amarcord kienet taf bil-kwestjonijiet li kellhom ma' terzi u, minkejja dan, għażlet li xorta waħda tidħol fi ftehim magħhom biex il-fond jiġi sullokat. Jiċħdu għaldaqstant li b'xi mod qarrqu biha u jgħidu li m'għandhomx danni x'iħallsu. Iżda, qabel kull ħaġa oħra, l-imħarrka jgħidu li l-azzjoni hija rritwali u għaldaqstant ma tiswiex billi l-oġġett u r-raġuni tat-talbiet m'humiex imfissra sew u għaldaqstant teżisti inċertezza dwar in-natura vera tal-azzjoni attriċi. Jgħidu wkoll li l-azzjoni hija perenta bil-mogħdija taż-żmien li fih messha tressqet;

Illi din s-sentenza sejra tingħata dwar l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni preliminari mressqa mill-imħarrkin Schembri;

Illi bħala <u>fatti relevanti li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku tal-21 ta' Frar, 1995, l-imħarrkin daħlu fi ftehim ta'

---

[4] Paġ. 66 tal-proċess
[5] Paġ. 67 tal-proċess

sullokazzjoni ta' fond kummerċjali f'Buġibba magħruf bħala '*Little Italy*' (li qabel kien iġib l-isem ta' '*Bis-Tit African*' u wkoll '*Tramp's Bar*') fi Triq ir-Rebbiegħa kantuniera ma' Triq Sant'Antnin, f'Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-fond"), mingħand il-kumpannija Youth Hostels Limited (li mbagħad kienet amalgamata mal-kumpannija J.V.S. Company Limited u, wara, bidlet isimha għal Maltese Cross Company Limited – minn issa 'l hemm imsejħa "Maltese Cross") u dan bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm miftehma. Fost il-kundizzjonijiet li l-partijiet intrabtu bihom, l-imħarrkin ingħataw il-jedd li jgħaddu l-fond lil terzi. Huma kellhom jgħarrfu lil Maltese Cross bl-isem tal-kerrej li kien interessat fil-fond u l-ammont ta' kirja li bih il-fond kien ser jinkera. Terz minn din is-somma kellha eventwalment tgħaddi għand Maltese Cross[6]. L-imħarrkin setgħu wkoll jiġġestixxu l-fond tramite kumpannija kummerċjali li biha bejniethom ikollhom mill-anqas sebgħin fil-mija (70%) ta' l-ishma;

Illi xi żmien wara il-ftehim tal-21 ta' Frar, 1995, l-imħarrkin waqqfu kumpannija bl-isem Bistit African Ventures Co. Ltd. flimkien ma' terzi u daħlu fi ftehim magħhom dwar it-tmexxija tal-fond. Aktar tard, l-imħarrkin irriżenjaw minn diretturi fl-istess kumpannija u, fi ftehim ieħor separat, il-fond għadda b'titolu ta' sullokazzjoni għand it-terz, bl-imħarrkin iħallsu lil Maltese Cross il-kera li huma kienu jirċievu mingħand dan it-terz. Inbidel ukoll l-isem tal-fond. Maltese Cross ma ġietx mgħarrfa mill-imħarrkin bl-iżviluppi li kienu seħħew wara l-ftehim tagħhom magħha;

Illi fl-2003, Maltese Cross fetħet proċeduri ġudizzjarju[7] kontra l-imħarrkin sabiex jinħall il-fehim ta' bejniethom, jiġifieri dak tal-21 ta' Frar, 1995, u b'sentenza tat-12 ta' Ottubru, 2006, it-talbiet ta' Maltese Cross intlaqgħu. B'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar, 2009[8], is-sentenza tat-12 ta' Ottubru, 2006, ġiet konfermata, u l-imħarrkin ingħataw tletin jum sabiex jiżgumbraw mill-fond;

Illi sadattant, fl-4 ta' April, 2005[9], l-imħarrkin daħlu fi ftehim ta' ċessjoni ta' sullokazzjoni tal-fond ma' Amarcord għal żmien ta' ħamsa u sittin sena, u bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm miftehma. In konsiderazzjoi ta' din iċ-ċessjoni, Amarcord ħallsu lill-imħarrkin l-ammont ta' tnax il-elf lira Maltin (Lm12,000);

[6] Dok. "B" f'paġġ. 11 u 12 tal-proċess
[7] Cit. Nru. 708/2003TM fl-ismijiet *Maltese Cross Co. Ltd vs Mark u Rita konjuġi Schembri*
[8] *Ibid* paġġ. 10 sa 28 tal-proċess
[9] Dok. "A" f'paġġ. 5 sa 9 tal-proċess

Illi fis-26 ta' Marzu 2005, Maltese Cross fetħet proċeduri wkoll kontra Amarcord u l-imħarrkin li bihom, fost l-oħrajn, talbet it-tħassir tal-kuntratti tal-21 ta' Frar, 1995 u tal-4 ta' April, 2005. B'sentenza tal-10 ta' Ġunju, 2013[10], il-Qorti ħassret u rrexxindiet il-ftehim tal-4 ta' April, 2005;

Illi fit-30 ta' Jannar, 2014[11], Amarcord bagħtet ittra uffiċjali lill-imħarrkin sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tar-rifużjoni ta' flus imħallsin minnha u d-danni mġarrba;

Illi fis-6 ta' Ġunju, 2014, Amarcord fetħet din il-kawża;

Illi bħala konsiderazzjonijiet ta' natura legali, l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-imħarrkin għat-talbiet attriċi huma t-tnejn ta' natura proċedurali;

Illi bl-**ewwel eċċezzjoni preliminari** tagħhom, l-imħarrka jgħidu li, mill-aspett proċedurali, l-azzjoni hija nieqsa mill-kjarezza meħtieġa mil-liġi[12], u li n-nuqqas tagħha jpoġġihom f'qagħda li ma jistgħux iressqu kif imiss id-difiża tagħhom. Fi kliem l-imħarrka, bil-mod kif inhu mfassal l-att maħluf, teżisti inċertezza dwar jekk l-azzjoni hijiex waħda ta' rexissjoni ta' kuntratt, radd lura ta' flus indebitament imħallsa ('*indebiti solutio*') jew kundanna għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni. Aktar tard, fis-sottomissjonijiet tagħhom, l-imħarrka jgħidu li l-inċertezza tal-mod kif tfasslet il-kawża tissarraf ukoll fil-fatt li ressqu aktar minn eċċezzjoni waħda marbuta mal-preskrizzjoni;

Illi l-abbli avukat tal-atturi, fis-sottomissjonijiet tiegħu, jilqa billi jgħid li l-qofol tal-kawża huwa l-ftehim tal-4 ta' April, 2005. Jisħaq li ma saret ebda talba biex il-ftehim jiġi rexiss, u t-tieni talba m'għandhiex tinqara bħala talba għat-tħassir tal-ftehim, ladarba li l-istess ftehim kien tħassar bis-sentenza tal-10 ta' Ġunju, 2013;

Illi jingħad li f'materja ta' nullità tal-atti – kwestjoni meqjusa bħala waħda odjuża għall-finijiet ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja – kull nullità għandha titqies dejjem bħala l-eċċezzjoni u mhux ir-regola. In-nullità tal-atti hija sanzjoni estrema li l-liġi timponi biss meta n-nuqqas formali jew sostanzjali ma jkunx jista' jiġi assolutament tollerat bla ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[13]. Att ġudizzjarju għandu jitqies null biss għal raġunijiet gravi u

[10] Dok. "C" f'paġġ. 29 sa 48 tal-proċess
[11] Dok. "D" f'paġġ. 49 sa 50 tal-proċess
[12] Art. 156(1)(a) tal-Kap. 12
[13] App. Ċiv. **4.11.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Ċefai*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.467**)

serji fil-limiti tad-dispożizzjonijiet espressi tal-liġi. Fuq kollox, il-liġi tal-proċedura hija maħsuba biex il-kawżi jimxu b'ħeffa u effiċjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, u mhumiex maħsuba biex joħolqu ħtiġijiet purament formali li jservu biss biex jagħtu lil xi waħda mill-partijiet f'kawża mezz biex teħles mill-obbligi tagħha jew biex tirbaħ il-ħin. Kull partikolarità li l-liġi trid li tkun "essenzjali" f'att ġudizzjarju trid tkun tali li n-nuqqas tagħha jxekkel serjament w irrimedjabilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tal-liġi proċedurali hawn imsemmija[14];

Illi mehud kont din id-duttrina u wara li qieset l-atti, il-Qorti tasal għall-fehma li din l-eċċezzjoni preliminari tal-imħarrka m'għandhiex mis-sewwa. Il-Qorti tqis l-ittra uffiċjali[15] li ntbgħatet lill-imħarrka xhur qabel il-ftuħ tal-kawża minn fejn jirriżulta b'mod ċar li dak li qed titlob Amarcord (bħalma qiegħda titlob f'din il-kawża) huwa sabiex jitħallas lura l-ammont maħruġ bħala korrispettiv fuq l-ftehim tal-4 ta' April, 2005, u sabiex jiġu likwidati d-danni mġarrba minnha minħabba r-raġunijiet imputabbli lill-istess intimati. Fl-istess ittra uffiċjali, Amarcord tirreferi wkoll għas-sentenzi mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) u mill-Qorti tal-Appell fejn ġew rexxissi kemm l-ftehim tal-21 ta' April, 1995 kif ukoll dak tal-4 ta' April, 2005;

Illi l-eċċezzjoni jidher li tgħid li l-azzjoni attriċi tonqos milli tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża[16] u għalhekk milquta min-nullità kif maħsuba fl-artikoli 789(1)(ċ) u (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi, kif din il-Qorti qalet f'okkażjonijiet oħra bħal din li issa għandha quddiemha, għandha ssir distinzjoni bejn in-nullità ritwali ta' att ġudizzjarju u l-infondatezza fil-mertu tat-talbiet infushom. Il-Qorti tifhem li fil-każ ta' eċċezzjoni ta' nullità tal-att (bħalma għandha quddiemha f'dan il-każ), hija trid tfittex u tqis biss dwar dik in-nullità li tkun imputabbli għal difett ta' forma aktar minn wieħed ta' sustanza (fis-sens ta' żball jew nuqqas sostantiv)[17], liema difett ma jkunx jista' jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[18];

Illi ma' dan il-Qorti żżid tgħid ukoll li għandha ssir distinzjoni oħra dwar in-nullità ta' att, u jiġifieri dik li tagħraf bejn nullità assoluta u dik relattiva. F'tal-ewwel, il-Qorti għandha dmir li tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet u

---

[14] P.A. GCD **31.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Dianne Vella et vs Medserv Operations Limited*** (*in parte*)
[15] Dok. "D" f'paġġ. 49 sa 50 tal-proċess
[16] Ara art. 156(1)(a) tal-Kap 12
[17] App. Kumm. **30.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Krogh Jacobsen*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.172**)
[18] Ara App. Ċiv. **21.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul vs Gera de Petri et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.434**) u s-sentenzi hemm imsemmija

tieħu provvediment ukoll *ex ufficio*, imma mhux hekk il-każ f'tat-tieni[19]. Minbarra dan, biex att ġudizzjarju jiġi dikjarat null u jitwaqqaf il-kors tiegħu, "*jeħtieġ li jkunu jikkonkorru raġunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tal-konvenut; u huwa risaput li l-leġislazzjoni u l-ġurisprudenza patrija ilhom progressivament jirrifuġġu mill-formliżmu eċċessiv, fonti ta' litiġji żejda u prokrastinazzjonijiet inutili, purke' ovvjament ma tirriżultax l-effettiva vjolazzjoni tal-liġi*"[20];

Illi l-liġi tippreskrivi, fost l-oħrajn, li r-Rikors Maħluf għandu jkun fih tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi għat-talbiet għandhom iwasslu lil min qiegħed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma' dan ir-rekwiżit, hemm il-prinċipju li l-parti mħarrka trid tingħata l-fakoltà li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iħarrikha[21];

Illi ngħad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullità ta' att ġudizzjarju. Biex Rikors Maħluf jgħaddi mill-prova tal-validità huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha[22] u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur[23];

Illi fil-każ preżenti, kif ingħad, l-imħarrkin jisħqu li n-nullità tar-Rikors Maħluf ta' Amarcord ġejja mil-fatt li ma joħroġx ċar x'inhi l-bażi tal-azzjoni tagħha. Hawnhekk tinħoloq qagħda li hija l-oppost ta' meta tiġi eċċepita n-nullita' ta' Rikors Maħluf minħabba n-**nuqqas ta' talba meqjusa bħala meħtieġa**. Skond l-argument tal-għaref difensur tal-imħarrkin, għalhekk, l-azzjoni attriċi hija milquta b'kontradittorjetà minnha nnifisha li tagħmilha insanabbli;

Illi ta' min jgħid ukoll li l-Qrati tagħna kellhom f'għadd ta' każi mressqa quddiemhom it-taqbida li jqisu eċċezzjoni ta' nullità tal-att promotur ta' kawża fuq **il-bażi tal-kontradittorjetà tal-kawżali u t-talbiet infushom**, u ġieli laqgħuha wkoll. L-istess jingħad għal każijiet fejn kawża waħda kienet fis-sewwa żewġ azzjonijiet f'daqqa li l-waħda teskludi lill-oħra[24]. Kien hemm sentenzi oħrajn li fissru l-limiti safejn għandha tmur il-Qorti biex tqis Rikors

---

[19] Ara P.A. SM **1.10.1910** fil-kawża fl-ismijiet ***Ludovico Magro vs Pio Żammit*** (mhix pubblikata), li fiha espożizzjoni ċara w tajba tal-effetti tan-nullita' ta' att ġudizzjarju
[20] App. Kumm. **15.4.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***John Mallia vs Maria Assunta Borġ et*** (mhix pubblikata)
[21] Ara, per eżempju, P.A. **5.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciortino et vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748)**
[22] P.A. : **14.2.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***J.G. Coleiro vs Dr. J. Ellul*** (Kollez. Vol: **LI.ii.779**);
[23] App. Kumm. **20.1.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Bonniċi vs Eucharistico Żammit noe et***
[24] Ara, per eżempju, Kumm. **9.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina et vs Ruġġier noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1334)**

Maħluf bħala wieħed siewi, għalkemm ikun fih xi nuqqasijiet[25]. Din l-eċċezzjoni tqieset fid-dawl tal-artikolu 156(1) tal-Kapitolu 12, li jitkellem dwar il-ħtieġa li r-Rikors Maħluf ikun fih tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba;

Illi issa xieraq li wieħed jara jekk tinħoloqx nullità fejn żewġ talbiet ġuridikament distinti jitressqu f'kawża waħda u sa liema limitu jista' jsir dan bla ma jkun qiegħed jinkiser dak li tipprovdi l-liġi fl-artikolu 156 (1)(a) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili[26]. Mill-kliem innifsu tal-imsemmi artikolu, joħroġ illi (i) l-attur għandu jidentifika l-oġġett tal-kawża billi jiddikjara r-raġuni għala jkun qiegħed jitlob dik il-ħaġa; (ii) dak l-oġġett u dik ir-raġuni jridu jkunu mfissrin ċar u sewwa; (iii) t-talba jew it-talbiet ikunu marbutin mar-raġuni jew raġunijiet kif premess fir-Rikors Maħluf; u (iv) li dawn l-elementi għandhom jirriżultaw mill-att ġudizzjarju nnifsu u mhux minn xi kjarifika li tista' ssir dwarhom waqt is-smigħ tal-kawża[27];

Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, id-distinzjoni bejn nullità mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarità essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux "sempliċi" ksur tal-forma preskritta[28]. Huwa xieraq li jissemma li l-liġi titkellem dwar "partikolarità essenzjali" u mhux partikolarità kwalsijasi. Biex partikolarità f'att ġudizzjarju titqies bħala "essenzjali" jeħtieġ li jintwera li n-nuqqas tagħha f'dak l-att ixekkel serjament u irrimedjabbilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tar-regoli proċedurali li l-kawżi jimxu b'ħeffa, effiċjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet u tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali[29];

Illi, f'waħda mis-sentenzi li qieset kwestjoni bħal din taħt eżami jingħad hekk: "*. . . ma hemmx kwestjoni li dottrinarjament huwa importanti li jiġu, għall-finijiet ta' l-oġġett tat-talba u tad-dritt li jiddeterminaha, eżaminati attentament il-fattijiet li jkunu taw lok għall-ġudizzju, u dawn il-fattijiet ma jistgħux ma jkunux a konjizzjoni tal-kontendenti; jekk minn dawn il-fattijiet jitnissel aktar minn dritt wieħed sabiex id-domanda tkun imressqa 'l quddiem f'ġudizzju, ma hemm xejn fil-liġi li l-attur li jippromwoviha ma jkunx jista' jiddeduċihom jekk jittendi li huma ntiżi għall-otteniment ta' l-oġġett propost, salv li l-istess ma humiex inkonċiljabbli. Dina r-redazzjoni ta' l-att taċ-ċitazzjoni ma tirrendix dak l-istess att għall-kawżalijiet tiegħu mhux ċar, iżda se mai turi in forza ta' liema drittijiet ("jus petendi") l-attur ikun qiegħed*

---

[25] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **6.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit et vs Żammit Tabona noe et*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.454**)
[26] App. Ċiv. **12.5.1998** fil-kawza fl-ismijiet ***M. Attard noe vs R. Galea*** (mhix pubblikata)
[27] App. Ċiv **30.3.1998** fil-kawza fl-ismijiet ***Ray. Beżżina vs Anthony. Galea*** (mhix pubblikata)
[28] Ara, per eżempju, P.A. C.S.:**4.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri*** (mhix pubblikata)
[29] P.A. GCD **31.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Diane Vella et vs Medserv Operations Limited***

*jippromwovi l-azzjoni. Apparti dana, ebda preġudizzju ma jitnissel lill-konvenut minn dana l-aġir ġuridiku, ilgħaliex huwa jkun jista' jirripudja l-azzjoni attriċi għad-drittijiet kollha radikati fl-att promotorju tal-kawża. . .* "[30];

Illi jidher li hija ħaġa iebsa li tgħid b'regola minn qabel liema huma dawk l-azzjonijiet multipli li ma joqogħdux flimkien: il-kejl xieraq hu li l-kwestjoni titqies minn każ għal każ;

Illi ma hemm l-ebda dubju li, minkejja x-xejriet x'aktarx prattiċi u utilitarji li l-qrati jidher li jieħdu biex, kemm jista' jkun, kawża tkun salvata u azzjoni titqies fil-merti sewwa tagħha, jibqa' dejjem il-fatt li l-liġi għadha tagħraf li xi azzjonijiet ma jistgħux joqogħdu flimkien. Il-parti attriċi ma jindaħlilha ħadd fl-għażla tagħha liema azzjoni trid tmexxi 'l quddiem, iżda hemm għażliet li ma jħallux lil dik il-parti titfa' kollox f'qoffa waħda bit-tama li xi ħaġa tajba toħroġ minnha. Din il-Qorti hija tal-fehma li att ġudizzjarju m'għandux jitħassar kif ġieb u laħaq u, safejn jista' jkun, ma tħassrux. Din il-Qorti kellha kemm-il okkażjoni fejn stħarrġet il-kwestjoni tas-siwi ta' atti mressqa quddiemha u segwiet linja li ma tħallix il-kwestjoni sostantiva tinġieb fix-xejn fuq il-konsiderazzjoni tal-formalità, u din tibqa' l-fehma tagħha llum ukoll;

Illi din il-fehma tagħha hija msaħħa wkoll bi kliem il-liġi nnifishom meta, b'riferenza għas-sub-inċiż (ċ) tal-artikolu 789(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jingħad li l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' siwi tal-att ġudizzjarju ma tistax tingħata jekk kemm-il darba n-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni tal-liġi. F'dan ir-rigward, jiġi f'moħħna l-artikolu 175 tal-istess Kodiċi li jħalli li jsiru bidliet tassew radikali f'att ġudizzjarju b'mod li ma jħalluhx jitħassar[31];

Illi lanqas ma jista' jingħad li l-azzjoni attriċi tkun waħda "konfliġġenti" minn għeruqha jekk kemm-il darba tkun mibnija fuq iżjed minn kawżali waħda, sakemm l-istess kawżali ma jkunux ta' għamla li ma jkunux jistgħu għal kollox joqogħdu flimkien. Dak li jgħodd ħafna hu li l-parti mħarrka tkun f'qagħda li tagħraf dak li qed jiġi allegat kontriha u tkun f'qagħda li tiddefendi ruħha kontra dik l-allegazzjoni. Fil-każ tal-lum jidher ċar li l-imħarrkin jagħrfu sewwa x'inhu dak li Amarcord tippretendi u m'hemmx għalfejn jingħad li huma midħla ta' fatti oħra li ġraw bejnhom u Amarcord kif joħroġ mill-kawżi l-oħra li kienu mdaħħla fihom flimkien miftuħa minn Maltese Cross. Kif ingħad diġà, l-ittra uffiċjali li Amarcord bagħtet lill-imħarrkin qabel fetħet din il-kawża kienet ċara u dettaljata biżżejjed biex tfisser x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha kontrihom;

---

[30] App. Ċiv. **14.11.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ noe vs Vincenti*** (Kollez.Vol: **XXXIII.i.535,** a fol. 538)
[31] App. Inf. PS **15.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Keyland Co Ltd et vs Josephine Xuereb***

Illi f'din il-kawża l-Qorti ssib li l-mod kif inhuma mfasslin it-talbiet attriċi jidher ċar li lkoll jirriġwardaw l-effetti tat-tħassir ta' kuntratt (bis-saħħa ta' sentenzi li saru ġudikat). Għalhekk, it-tħassib tal-imħarrkin li l-azzjoni attriċi tista' tkun azzjoni ta' rexxissjoni ma huwiex f'loku għaliex, minbarra li ma hemm l-ebda talba li titlob dan, ma jagħmel l-ebda sens li wieħed jitlob ir-rexxissjoni ta' kuntratt li, b'sentenza oħra li saret ġudikat, huwa rexxiss diġà. Min-naħa l-oħra, safejn l-azzjoni titlob ir-radd lura tal-flus imħallsin minn Amarcord lill-imħarrkin dakinhar tal-kuntratt taċ-ċessjoni tas-sullokazzjoni u t-talba għad-danni, din il-Qorti jidhrilha li dawk it-talbiet jistgħu jkunu kumplimentari għal xulxin, imma żgur mhumiex, fil-fehma tagħha, inkompatibbli ma' xulxin;

Illi, għall-istess raġuni wkoll, lanqas ma ssib li hemm nuqqas ta' rabta bejn il-premessi tar-Rikors u t-talbiet, għaliex l-espożizzjoni tal-fatti f'dawk il-premessi hija ċara biżżejjed biex qari bil-għaqal tagħhom juri fejn hemm l-attribuzzjoni ta' n-nuqqasijiet li Amarcord tara fl-imġiba tal-imħarrkin fil-konfront tagħha. Minbarra dan, it-talbiet m'humiex vagi u lanqas huma mfasslin fis-sura alternativa li jitfgħu l-għażla tar-rimedju f'ħoġor il-Qorti[32];

Illi għalhekk il-Qorti tqis li l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin mhijiex tajba u mhix sejra tintlaqa';

Illi dan kollu qiegħed jingħad bla ma bl-ebda mod il-Qorti għandha tagħti 'l wieħed x'jifhem li qiegħda tgħaddi ġudizzju jew fehma dwar is-siwi tat-talbiet attriċi jew tal-eċċezzjonijiet imressqa kontrihom. Dak huwa xogħol il-Qorti li se' tisma' l-każ fil-mertu. Il-kunsiderazzjonijiet li għamlet din il-Qorti f'din is-sentenza jridu jinftehmu strettament mal-eċċezzjonijiet li kienet qiegħda tistħarreġ;

Illi għal dak li jirrigwarda **it-tieni eċċezzjoni preliminari,** il-Qorti hija mitluba tistħarreġ jekk hux minnu li laħaq għadda ż-żmien minn meta l-kumpannija attriċi kellha tiftaħ din il-kawża kontra l-imħarrka. L-imħarrkin jgħidu li fid-dawl tal-premessi fir-Rikors Maħluf ta' Amarcord u min-natura tat-talbiet li saru, l-azzjoni attriċi tista' tkun milquta minn tliet żminijiet differenti minn meta l-azzjoni kellha titressaq kontra tagħhom: l-ewwel, f'każ li l-azzjoni hija talba għal kundanna ta' ħlas ta' danni akwiljani, l-azzjoni hija milquta mill-preskrizzjoni tas-sentejn kif irid l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Min-naħa tagħha, Amarcord tgħid li l-artikolu 2153 ma jgħoddx għaliex ir-relazzjoni ta' bejnha u l-imħarrka hija waħda kuntrattwali u mhux akwiljana;

---

[32] App. Inf. **12.6.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Grima et vs David Micallef noe***

Illi kif ġie ritenut diversi drabi minn dawn il-Qrati, il-preskrizzjoni ta' sentejn li tolqot l-azzjoni għal danni li ma jkunux kaġunati b'reat tgħodd fil-kaz ta' danni indipendenti minn obbligazzjoni kontrattwali[33]. F'azzjoni ta' danni kaġunati minħabba inadempjenza kuntrattwali jgħodd żmien preskrittiv ieħor ta' ħames snin[34];

Illi mid-dokumenti li tressqu minn Amarcord, il-Qorti tasal għall-fehma li dak li Amarcord tilmenta minnu hu fil-fatt nuqqas fl-imħarrkin li jonoraw ir-rabtiet kuntrattwali li daħlu għalihom magħha fil-ftehim ta' bejniethom tal-4 ta' April, 2005. Għaldaqstant dan l-artikolu tal-liġi ma jgħoddx għall-każ li l-Qorti għandha quddiemha;

Illi t-tieni żmien preskrittiv li l-imħarrkin isemmu huwa dak maħsub fl-artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili marbut mal-azzjoni ta' arriekkiment mhux mistħoqq u r-radd lura ta' dak li jkun ingħata bla ma jmiss. L-imħarrkin jgħidu li kemm-il darba Amarcord qiegħda titlob ħlas lura ta' dak li ġie mgħoddi bla ma jmiss, l-azzjoni waqgħet bl-egħluq ta' sentejn minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-iżball[35]. Min-naħa l-oħra, Amarcord tilqa' billi tgħid li l-azzjoni mhix waħda marbuta ma' ħlas ta' indebitu;

Illi l-Qorti jidhrilha li l-eċċezzjoni mhix tajba lanqas f'dan ir-rigward għaliex l-azzjoni mressqa minn Amarcord mhix dik ta' indebitu, iżda ta' redintegrazzjoni bil-ħlas lura tal-konsiderazzjoni mħallsa fuq il-ftehim tal-4 ta' April, 2005, minħabba r-rexxissjoni tal-istess ftehim[36]. Għaldaqstant għal darb'oħra, l-artikolu tal-liġi msemmi mill-imħarrkin ma jgħoddx għal din l-kawża, u l-eċċezzjoni safejn imsejsa fuq dak l-artikolu sejra tiġi miċħudha;

Illi fit-tielet lok, fir-rigward tal-eċċezzjoni safejn marbuta mal-artikolu 1222(1) tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti ma tarax il-ħtieġa li tqis din it-tielet parti tat-tieni eċċezzjoni ladarba mill-atti joħroġ ċar li l-kwestjoni tar-rexxissjoni tal-ftehim tal-4 ta' April, 2005, mhix il-mertu ta' din il-kawża, iżda kienet il-mertu ta' kawżi oħra li kif ingħad qabel illum jinsabu maqtugħa u jikkostitwixxu ġudikat. Għaldaqstant, it-tielet parti tat-tieni eċċezzjoni wkoll mhux ser tintlaqa';

Illi għalhekk, it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin mhix tajba u mhux ser tintlaqa';

---

[33] P.A. **9.1.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Stivala vs Colombo*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.622**)
[34] App. Ċiv. **27.4.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef noe vs Cassar*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.140**) fost oħrajn
[35] Art. 1027 tal-Kap. 16
[36] Art. 1209(1)(2) tal-Kap 16

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari** billi jirriżulta li ma humiex mistħoqqa u la fil-fatt u lanqas fid-dritt billi l-azzjoni attriċi la hija milquta min-nuqqasijiet li jagħmluha ma tiswiex u lanqas waqgħet bil-preskrizzjoni;

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jissokta bit-trattazzjoni tal-każ dwar il-mertu tal-azzjoni attriċi u l-eċċezzjonijiet fil-mertu dwarha. Għal dan il-għan, tordna li l-atti ta' din il-kawża jintbagħtu lir-Reġistratur ta' din il-Qorti biex jassenja l-kawża quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u li quddiemha jkompli jinstema' l-każ; u

**Tordna** li l-imħarrkin iħallsu **l-ispejjeż** marbuta ma' din is-sentenza.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**23 ta' Jannar, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**

**23 ta' Jannar, 2020**